**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 10 ta' Novembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 254 / 15RGM

Kawza fil-lista: 22

**S T**
**vs**
**L A Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi permezz ta' skrittura esegwita fis-6 ta' Ottubru 201.4 gew pattwiti mill-kontendenti l-modalitajiet relattivament ghar-regolamentazzjoni tal-kustodja u tal-manteniment tal-wild komuni taghhom M T Q oltre t-tema tal-access tar-rikorrent ghall-istess minuri.

2. Illi effettivament il-partijiet kkonvienw li l-kustodja tal-minuri kellha tkun vestita fl-intimata filwaqt li r-rikorrent intrabat li jhallas is-somma ta' 170 Euro in via ta' alimenti fl-interess tal-istess minuri u fl-ahharnett gew stabbiliti il-kriterji relattivament ghall-access tal-esponent ghall-minuri.

3. Illi fic-cirkostanzi li kienu jipprevalu meta saret l-iskrittura su riferita l-esponent ma kellux alternattiva ohra hlief li jkun parti ghall-esekuzzjoni tal-imsemmija skrittura kif redatta, b'dana pero' li presentement qieghed f'qaghda li jassumi l-kustodja tal-minuri billi jikkonkorru ragunijiet validi li jiggustifikaw bidla radikali fir-regime' tal-kustodja ezistenti.

4. Illi di fatti jirrizulta li omm il-minuri ghandha problem mentali sinifikanti u in effetti fil-kors tar-relazzjoni li l-kontendenti kellhom kienet inhasset il-htiega mill-koppja li l-intimata tigi invistata urgentement minn psikjatra fl-isfond ta' tali problemi mentali b'dan li l-psikjatra kien ippreskrivielha trattament farmakologiku biex tigi indirizzata l-kondizzjoni mentali li biha hija affetta. In-necessita' li l-intimata tigi invistata minn psikjatra kien impellenti in vista tal-imgieba patologikament anomala taghha inkluz atteggjamenti minaccjanti u markatament atipici u anke imgieba vjolenti li eventwalment wasslu biex r-relazzjoni tintemm. Kif jigi provat fil-kors tattrattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimata m'hix f'posizzjoni li tippresta kura adegwata lill-minuri u dan jirrizulta b'mod esponenzjali u b'mod l-aktar palez mill-imgieba taghha u mill-antecedenti psikjatrici taghha u f'dan ir-rigward,certament hemm lok ghan-nomina tal-Avukat tat-Tfal u ta' espert psikjatriku biex jassistu lil din l-Onorabbli Qorti fil-kors tas-smigh ta' din il-procedura.

5. Illi f'dana l-isfond inkwetanti jikkonkorru ragunijiet impellenti li jiggustifikaw, fl-oghla interess tal-minuri li l-modalitajiet riferiti supra, stabbliliti in forza tal-predetta skrittura jigu modifikati billi l-kustodja tal-minuri tigi vestita fl-esponent, billi l-modalitajiet relatati mal-access tal-esponent ghall-istess minuri jigu soppressi stante li ma jibqax lok li tali modalitajiet jibqghu vigenti u finalment billi jigu stabbiliti gudizzjalment kriterji inekwivoci fir-rigward tal-access tal-intimata ghall-minuri liema access, jekk ikun il-kaz, jigi assoggettat ghall-kontroll mill-awtoritajiet kompetenti in materja fl-interess tal-minuri li aktar ma jdum fil-kustodja tal-intimata aktar ser ikun espost ghall-influwenza u ghat-tahsir psikologiku provokat mill-marda mentali li biha l-intimata hija affetta.

6. Illi l-esponent gie debitament awtorizzat biex jirrikorri ghal din il-procedura b'digriet opportun moghti minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward.

Ghaldaqstant l-esponent in vista tas-suespost, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Timmodifika l-iskrittura surrufferita esegwita fis-6 ta' Ottubru 2014 billi tirrrevoka l-modalitajiet li jirrigwardaw il-kustodja tal-minuri M T Q, vestita kif inhi fl-intimata u billi tissopprimi l-modalitajiet li jirrigwardaw l-access tal-esponent ghall-minuri stante li jigu resi superfluwi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li fl-isfond tar-ragunijiet aktar 'il fuq premess il-kustodja tal-imsemmi minuri ghandha tigi vestita fir-rikorrent bl-obbligu li huwa jmantni lill-minuri;

3. Tistabilixxi l-modalitajiet li a bazi taghhom l-intimata tkun tista' taccedi ghall-istess minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok qed tigi eccepita n-nullita tal-att promotur ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi l-istess att promotur ma jissodisfax id-dettami tal-Artikolu 156[1)[d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi r-rikors guramentat ma jinkludix 'stampat b'ittri cari u precizi' il-kliem msemmi fl -istess artikolu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok qed tigi eccepita n-nullita tal-att promotur ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi l-istess att promotur ma jissodisfax id-dettami tal-Artikolu 156[1)[a] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta fis-sens illi r-rikorrenti ma ddikjarax liema fatti fir-rikors guramentat huwa jaf bihom personalment;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tielet lok qed tigi eccepita n-nullita tal-att promotur u dana stante illi l-medjazzjoni li wasslet ghall-kawza de quo ma ntalbitx sabiex tigi emendata l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet in kwantu ghal bdil fil-kura u kustodja u residenza tal-minuri izda ntalbet biex jigi regolat l-access tal-attur fil-konfront tal-minuri. Illi l-kawza de quo essenzjalment qeghdha titlob bdil fir-residenza u l-kura u kustodja tal-minuri u gialadarba dan ma kienx is-suggett tal-medjazzjoni li biha giet awtorizzata dina l-kawza, dan imur kontra d-dettami tal-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni 12.20, liema fatt igib in-nullita` tal-istess kawza;

4. Illi fir-raba lok, fil-mertu u minghajr pregudizzlu ghas-suespost, qed jigi eccepit illi t-talbiet tal-attur huma ilkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dana stante:

a. Illi dina l-kawza qeghdha ssir biss bi skop wiehed u uniku illi l-attur jevita illi jhallas manteniment ghall-minuri, kif fil-fatt ghamel perjodikament tul dawn l-ahhar xhur;

b. Illi l-attur ilu ma jara lil minuri xhur shah u dan ghaliex qed jirrifjuta illi jmur jiehu lil minuri mir-residenza tieghu ma' ommu l-intimata. Dan ifisser illi sabiex jimpika mal-intimata fuq semplici interpretazzioni tal-kuntratt ta' bejniethom dwar minn fejn kellu jigi ezercitat l-access, huwa kien komdu ma jarax lil ibnu ghal dawn ix-xhur kollha u dan meta l-attur kellu kull opportunita', waqt il-medjazzjoni miftuha mill-konvenuta, illi jitlob l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors pendente lite;

c. Illi l-minuri qed jitrabba f'imhabba kbira minn ommu l-konvenuta u l-familja taghha. Dan ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzioni tal-kawza;

d. Illi huwa minnu li l-konvenuta ossia omm il-minuri tircievi trattament mediku ghal kundizzjoni mentali. Madanakollu u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza, dan m'ghandux ikun ta' impediment biex il-minuri jitrabba f' ghozza u mhabba kbira kif fil-fatt qed isir;

e. Illi huwa fl-interess suprem tal-minuri illi ma jigix soggettat ghal bdil daqstant drastiku fl-ambjent tat-trobbija tieghu, meta m'hemm l-ebda raguni li tiggustifika tali bdil, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra illi l-uniku persuna li ghandha interess veru fil-minuri fdan il-kaz m'huwiex l-attur izda ommu ossia n-nanna tal-minuri.

f. Illi ikun ferm aktar ghaqli illi l-attur jirristabbilixxi l-kuntatt mal-minuri billi jibda jezercita l-access tieghu fil-konfront tal-istess.

5. Salv ghal eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Rat l-iskrittura ta' bejn il-partijiet (Dok A a fol 4) li permezz taghha gew regolati l-kura u l-kustodja, l-manteniment u l-access tal-wild komuni tal-partijet M T Q.

Rat in-nota ta' l-attur datata 3 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha esebixxa kopja tac-certifikat tat-twelid tal-minuri (Dok A a fol 10) u kopja legali tal-atti tal-medjazzjoni (Dok B a fol 12 et seq).

Rat in-nota ta' l-attur datata 17 ta' Marzu 2016 (a fol 27) li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tat-8 ta' Gunju 2016, li fih giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 1211/15.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ipprezentata fl-20 ta' Lulju 2016.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fil-21 ta’ Ottubru 2016.

Rat l-atti tal-kawza u tal-medjazzjoni 1211/15AGR.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-tielet eccezzjoni preliminari imressqa mill-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet eccezzjoni taghha, il-konvenuta eccipiet:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tielet lok qed tigi eccepita n-nullita' tal-att promotur u dana stante illi l-medjazzjoni li wasslet ghall-kawza de quo ma ntalbitx sabiex tigi emendata l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet in kwantu ghal bdil fil-kura u kustodja u residenza tal-minuri izda ntalbet biex jigi regolat l-access tal-attur fil-konfront tal-minuri. Illi l-kawza de quo essenzjalment qeghdha titlob bdil fir-residenza u l-kura u kustodja tal-minuri u gialadarba dan ma kienx is-suggett tal-medjazzjoni li biha giet awtorizzata dina l-kawza, dan imur kontra d-dettami tal-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni 12.20, liema fatt igib in-nullita` tal-istess kawza.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-konvenuta tissottometti in succint, illi in kwantu l-ittra tal-medjazzjoni li wasslet ghal dina l-kawza tirreferi esplicitament ghal varjazzjoni tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet “limitatament fejn ghandu x'jaqsam l-access kif ezercitabbli mill-missier”, u ma ngabet ebda prova li l-medjazzjoni trattat kwistjonijiet ohra, allura l-attur ma mexiex mad-dettami tar-regolament 9 tal-legislazzjoni 12.20 u tali nuqqas igib in-nullita` tar-rikors guramentat.

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 jipprovdi hekk:

*'9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –*

*(a) nuqqas ta’ qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta’ wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*

*(c) bidliet f’kull haga regolata minn sentenza ta’ separazzjoni personali jew minn kuntratt ta’ separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta’ divorzju; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a), dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f’dik id-diposizzjoni.'*

Din il-Qorti, wara li rat l-atti tal-medjazzjoni 1211/15, li pprecediet l-azzjoni odjerna, tikkonkludi illi t-tielet eccezzjoni in dezamina ma hiex fondata. Dan ghaliex minn qari tal-ittra ghall-ftuh tal-medjazzjoni mibghuta mill-attur fis-17 ta' Awissu 2015, huwa evidenti illi l-iskop ta' tali process kien revizjoni tal-kustodja, manteniment u access kontemplat fl-iskrittura ta' bejniethom datata 6 ta' Ottubru 2014. Taqbel mas-sottomissjoni tal-attur fin-nota ta’ osservazzjonjiet tieghu illi l-ghan ewlieni ghall-ftuh tal-medjazzjoni minnu intavolata kien sabiex fl-interess

tal-minuri jigi rivedut ir-regim tal-kura u kustodja tal-minuri u konsegwentement it-tibdil konsegwenzjali fl-iskrittura ta' bejn il-partijiet tas-6 ta' Ottubru 2014.

Il-Qorti ticcita brani mill-istess ittra li ma jhallu ebda dubju dwar dan:

*"...jikkonkorru ragunijiet validi ghala r-regime ta' kura u kustodja, kif kontemplati mill-iskrittura surriferita, tigi modifikata blli tali kura u kustodja tinghata lill-klijent tieghi...."* (Pg 2)

*"Naturalment l-ghan ewlieni ghall-ftuh ta' medjazzjoni hu biex tigi indirizzata din il-problema inkwetanti bl-iskop li r-regime tal-kura u l-kustodja tigi rettifikata fl-oghla interess tal-minuri u biex konsegwentement l-iskrittura citata tigi emendata f'dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri."* (Pg 2)

L-ittra tispicca propju b'accenn lejn l-iskop tal-ittra tal-medjazzjoni fejn jinghad:

*"Nigbidlek l-attenzjoni ghall-fatt li Q talbet il-ftuh ta' medjazzjoni in kwantu jirrigwarda r-revizjoni tal-kustodja, l-manteniment u l-access kontemplat mill-iskrittura riferita u di fatti ser issir seduta...."* (Pg 2)

Ma jirrizultax minnu dak sottomess mill-konvenuta illi l-medjazzjoni kienet titratta biss l-access kif ezercitabbli mill-missier. It-tielet eccezzjoni tal-konvenuta hija ghalhekk infondata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi t-tielet eccezzjoni preliminari tal-konvenuta billi tichadha.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza in parte a karigu tal-konvenuta.

Tordna l-pLgwiment tat-trattazzjoni tal-kawza fil-mertu.

**Imhallef** **Deputat Registratur**